Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 23/16

**AVVIŻI**

**5 ta' Ġunju 2016**

Nhar is-Sibt 11 ta' Ġunju Mons. Arċisqof sa jamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-adolexxenti tal-parroċċa fis-7pm fil-Knisja Parrokkjali. Il-Ġimgħa 10 ta' Ġunju fil-5pm isiru l-provi fil-Knisja. Huwa importanti li dawk li sa jirċievu dan is-sagrament ikunu kollha preżenti.

Nhar il-Ħadd 12 ta' Ġunju l-membri tal-Kumitat tal-Festa sa jkunu qed jiġbru bieb bieb għall-festa titulari.

Dawk li jixtiequ jkunu Reffiegħa, Forċini jew Fratelli fil-Festa Titulari għandhom jagħtu isimhom bil-miktub lill-kappillan sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta 7 ta' Ġunju f'nofsinhar.